**KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA**
**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**
**TEL: 2168 0622**
**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**
**WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt**

Minuti tal-laqgħa numru wieħed u tmenin (81) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet nhar it-Tnejn 17 ta' Lulju 2017 fis-18.15pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM), 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Dr Charlene Zammit | Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Viċi Sindku |
| | Anita Farrugia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ippresediet il-laqgħa u qalet it-talba.

**81.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**
Ma kienx hemm.

**81.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**
Il-Minuti tas-seduta preċedenti kienu mressqa għal vot minn Grace Marie Mallia u sekondati minn Paul Spiteri u approvati u ffirmati wara li sarulhom dawn il-korrezzjonijiet.

Korrezzjonijiet tal-minuti
80.03 para 10 Inqatgħet il-kelma 'se' u ddaħħlu 'kien hemm qbil li'.
80.04 para 4 Inqatgħet il-kelma 'issa' u l-kelma 'Kazza' u ddaħħlet 'Farrugia'.
80.04 para 6 Inqatgħet il-kelma 'Imħarrbta' u ddaħħlu 'Dun Giacomo Tortella'.

**81.03 Komunikazzjoni mis-Sindku**
Il-KLM se jerġa' jagħmel esperjenza ta' xogħol volontarju fl-Istitut f'Ħaż-Żabbar nhar il-5 ta' Awwissu 2017. Se nġibu l-avviż fil-ħarġa li jmiss tal-fuljett.

Is-Sindku infurmat lill-membri illi is-Sur Joe Farrugia se jkun qed jagħmel it-tindif ta' Triq tas-Sejba li kien diskuss fil-laqgħat preċedenti, bejn il-lejla u għada.

Is-Sindku infurmat lill-membri u stednithom jipparteċipaw fil-laqgħa ma' Transport Malta / Ministeru nhar id-19 ta' Lulju 2017 f'nofsinhar.

Dwar il-kabbana addizzjonali mitluba mis-Soċjeta' Santa Marija fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija il-KLM iddeċieda illi jikkonċediha u l-uffiċċju se jara fejn se jsib slot vojt.

Dwar it-toqba akbar minn dik li hemm fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, is-SE kien imqabbad jikkomunika mas-soċjeta' biex dawn jagħmlu kuntatt mas-Sur Angelo Schembri u jħaffirha.

Il-KLM se jikkonċedi illi jitħaffru wkoll erba' toqob fir-roundabout fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti.

Il-ħaddiema tal-KLM tellgħu il-ħajt li waqa' fi Triq Karmenu Ciantar k/m Triq il-Konvoj ta' Santa Marija wara li l-pulizija ma sabux min baqa' dieħel fih.

Grace Marie Mallia semmiet l-arranġamenti li qed isiru biex fit-13 ta' Settembru ssir il-ħarġa għal Għawdex.

Charlene Zammit qalet illi għamlet kuntatt mas-Sur Michael Spagnol ta' Kelma Kelma Nota Nota u dan qalilha illi għal Novembru għandhom spettaklu ieħor u qed iħejju għalih u għaldaqstant ma jistgħux jaqduna għal Jum l-Imqabba 2017. Għaldaqstant kien hemm diskussjoni bejn il-kunsillieri u ġie deċiż li għal din is-sena tkun organizzata l-Festa Ravjul mingħajr l-involviment tal-organizzatur.

Dan l-avveniment se jseħħ fl-14 jew il-21 ta' Ottubru (jiddependi meta ġejja l-Griżma) filwaqt li l-kunċert se jsir nhar it-28 ta' Ottubru 2017.

Is-Sindku semmiet l-artikli tal-fuljett li jonqos jidħlu.

Il-KLM se jara jekk il-marki tat-traffiku li hemm fi Triq Valletta quddiem ta' Farrugia għandhomx l-approvazzjoni ta' *Transport Malta*.

Il-KLM iddeċieda li jwaqqaf is-sotto kumitat propost sabiex jirrakkomanda min se jieħu Ġieħ l-Imqabba matul din is-sena. Se nistiednu lill-NGOs sabiex jipprovdu membru u sostitut fuq dan il-kumitat.

Is-Sindku qalet illi f'Tax-Xatba l-Ħamra kien hemm applikazzjoni għal ground tal-futbol. Hija irċeviet messaġġ minn għand Carlo Sciberras il-bieraħ, illi llum kien se jkun diskuss dan is-suġġett fi ħdan l-Awtorita' tal-Ippjanar. Intant matul din il-laqgħa reġa' bagħatilha il-president tas-Soċjeta' li l-Awtorita' approvat il-proġett ta' Baldacchino et al.

Is-Sindku semmiet laqgħa li kellhom is-SE mar-residenti tal-familja Cilia Vincenti u tal-Mosti mal-uffiċjali ta' *Transport Malta,* Silvio Scerri u Michael Cohen minħabba trakkijiet goffi li qed jgħaddu minn Triq Valletta. Is-SE informa lill-kunsillieri illi l-KLM kien imġiegħel jerġa japplika u din l-applikazzjoni għaddiet – biex jinqatgħu trakkijiet goffi minn Triq Valletta.

Is-Sindku irreferiet għar-ritratti fuq facebook tat-*traffic lights* tal-*by-pass.* Is-SE qal illi hu infurmat illi *Transport Malta* qed tistenna' li jitwaħħal il-meter tad-dawl mill-Korporazzjoni Enemalta. Fuq l-istess paġna ta' facebook kien hemm kummenti minn persuni li joqgħodu per eżempju fi Triq tas-Sejba illi għandhom inkonvenjenti minħabba ħafna trab fl-arja. Is-Sindku ipproponiet laqgħa mill-KLM ma' *Zahra Group* nhar it-Tlieta 25 ta' Lulju fis-7.00pm.

Charlene Zammit ipproponiet laqgħa wkoll fl-istess jum iżda fis-6.00pm ma' Greenpak Co-op biex niddiskutu l-addendum propost tal-kuntratt li jittratta l-iskart tal-WEE, kif ukoll suġġetti oħra.

Is-Sindku semmiet il-problema fi Triq il-Friefet wara li saru l-marki tat-traffiku għall-ewwel darba minn *Transport Malta.*

Is-Sindku talbet li nikkomunikaw mal-Perit ta' *Transport Malta,* sabiex jitwaħħlu d-dwal maz-zebra crossing fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti, u talbet ukoll sabiex issir manutenzjoni minn Tranport Malta eżattament mar-roundabout fejn ċediet it-triq.

Is-Sindku talbet lis-SE sabiex titneħħa z-zebra crossing (oħra quddiem Mansi) fl-istess post għax qalet illi din m'hemmx bżonnha peress li ħadd ma jmur fil-ġnien ta' Pjazza Ġublew tad-Djamanti.

**81.04 Tweġibiet għall-mistoqsijiet mill-kunsillieri**
Ma kienx hemm.

**81.05 Żbilanċ Finanzjarju tal-Kunsill sena 2016**

Dwar l-iżbilanċ finanzjarju li ġibdulna l-attenzjoni għalih id-Dipartiment Gvern Lokali is-SE qara mill-ġdid il-komunikat li kien hemm min naħa tal-Accountant li kien mgħoddi lill-kunsillieri permezz ta' e-mail diversi jien qabel.

**81.06 L-applikazzjoni tal-KLM tal-ħitan tas-sejjiegħ;**

Iddaħħlet fil-ħin l-applikazzjoni tal-KLM biex ikun jista' jirrestawra l-ħitan tas-sejjiegħ fi Triq Ħal Kirkop u Triq iż-Żurrieq.

**81.07 L-Offerta tal-Latrina Pubblika;**

Kien approvat id-dokument tal-offerta pubblika tal-latrina pubblika fi Triq Karmenu Ciantar.

**81.08 L-approvazzjoni tal-permessi tal-kabbani tal-festa ta' Santa Marija;**

Kienu approvati l-permessi tal-kabbani skont kif inqatgħu is-sena li għaddiet. (Lista annessa)

**81.09 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Kienet approvata l-iskeda ta' pagamenti 534 għajr l-items tat-tħaffir tat-toqob tal-arbli propost mis-Soċjeta' Santa Marija.

**81.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

Il-laqgħa ntemmet fid-9.00pm u l-KLM se jiltaqa' fl-istess ħin nhar is-7 t'Awwissu 2017.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 7.8.17 minn Dr Charlene Zammit
Segretarju Ezekuttiv Sindku